# Rev. George Mercieca
## Il-Poeta tal-Assunta
## (1944 - 2015)

Dun George Mercieca twieled ir-Rabat, Għawdex, fis-7 ta' Settembru, 1944, iben Ġużeppi u Madalena née Pavia. Sa minn tfulitu kien jiffrekwenta l-Oratorju Don Bosco. Daħal novizz mas-Salesjani u studja fil-Liċew Klassiku 'San Gregorio' f'Katanja, kif ukoll fl-Università Pontifiċja Salesjana f'Ruma fejn kiseb il-liċenzjat fit-teoloġija bit-teżi dwar l-eżistenza tax-xitan. Għallem għal xi żmien f'kulleġġi mmexxija mis-Salesjani fi Sqallija.

Lura Malta ġie ordnat saċerdot nhar l-14 ta' Lulju, 1974, fis-Santwarju Nazzjonali Ta' Pinu; iċċelebra l-*prima messa* tiegħu nhar l-4 ta' Awwissu 1974, fil-Katidral ta' Għawdex. Għal xi żmien kien membru tal-komunità salesjana fir-raħal tagħna; għallem il-Malti, ir-Reliġjon u t-Taljan kemm fil-Kulleġġ Savio, fl-Iskola tas-Snajja', in-Naxxar, fl-Istitut Tekniku u fil-Liċew Agius de Soldanis, fir-Rabat, Għawdex. Għallem it-teoloġija dommatika fl-INSERM, Malta, fejn għal xi żmien kien ukoll Dekan tad-Domma. Kien involut f'diversi għaqdiet letterarji, kulturali u soċjali. Għal żmien twil kien id-direttur spiritwali tal-Banda *Leone* tar-Rabat, Għawdex.



*Ir-Rev George Mercieca jmexxi l-purċissjoni nhar il-Festa ta' Santa Marija f'Ħad-Dingli (1999)*

Sa minn żgħożitu beda jikteb, l-ewwel proża u wara poeżiji. Hekk insibu li fl-1968 huwa ppubblika l-ewwel ktieb ta' poeżiji tiegħu u fl-2006 ippubblika l-aħħar antoloġija tiegħu bl-isem 'L-Għanja taċ-Ċinju'. Kellu mħabba speċjali lejn in-natura u lejn Santa Marija. Kull sena kien jikteb poeżija b'dedika lill-Assunta u jaqraha fil-jum tal-ħruġ min-niċċa tal-istatwa tal-Assunta fil-Katidral t'Għawdex. Minbarra l-poeżija Dun George kellu mħabba kbira lejn l-opra, lejn il-palk kif ukoll lejn il-letteratura Taljana. L-awtur preferit tiegħu kien Alessandro Manzoni u kien jaf bl-amment partijiet sħaħ mill-kapolavur tiegħu 'I Promessi Sposi'. F'Awwissu 2008, ġie onorat b'Ġieħ il-Katidral mill-Isqof Mons. Mario Grech. Kittieb regolari kemm fil-ġurnali lokali kif ukoll f'bosta rivisti u programmi tal-festi madwar Malta u Għawdex. Predikatur imfittex ħafna. Fis-sena 1999 niseġ il-paniġierku ta' Santa Marija fil-parroċċa tagħna u mexxa l-purċissjoni nhar il-festa.

Dun George kien bniedem sensittiv ħafna, speċjalment lejn min hu batut u fqir. Kien bniedem ġeneruż immens, lest li jgħin lil kulħadd; dejjem disponibbli lejn kull min jeħtieġ l-għajnuna. Bniedem ċajtier, umli, bla ebda pretensjonijiet, b'saqajh mal-art, dejjem iterraq bil-pipa u bil-kelba; imma l-bieb tiegħu dejjem miftuħ għal kulħadd, hu min hu.

NON SEGNIS QUIES RURIS

Dun George ħalla din id-dinja nhar it-22 ta' Jannar 2015, fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Il-funeral tiegħu sar nhar is-26 ta' Jannar 2015, fil-Katidral ta' Għawdex u tmexxa mill-Isqof Mons. Mario Grech flimkien ma' numru kbir ta' konċelebranti. Qabel il-funeral, huwa kien espost fiċ-ċentru parrokkjali tal-Katidral fejn għal bosta snin wettaq ħidma assidwa; kien qisu t-tieni dar tiegħu! Kif kien xieraq, il-Banda *Leone* sellmitlu b'marċi funebri. Għalkemm kienet ġurnata ta' maltemp kbir, il-katidral kien mimli bin-nies li ġew biex isellmu għall-aħħar darba lill-'Poeta tal-Assunta'.




Insellem il-memorja ta' Dun George bi strofa mill-poeżija tiegħu stess 'L-Akbar Artist' fejn jagħtina ħjiel ta' dak li kien jaħseb dwaru nnifsu. Din il-poeżija kitibha f'Awwissu 1999, fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Marija u f'għeluq il-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu.

"Jien biss poeta tiegħek,
B'qalb kbira li taf tħobb,
Ma nieqaf qatt ngħannilek,
Ma nieqaf qatt inħobb."

Is-sliem ħabib!